**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 749/01 AJD*

John Baptist Zammit

vs

Sabrina Seguna

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltin rappresentanti prezz ta' 'hi-fi' u 'video' tad-ditta Philips u 'Power supply' li l-konvenuta akkwistat f'Settembru, 2000, minghand l-attur. Illi l-attur ta' possibbilta' lill-konvenuta li thallas permezz ta' rati mensili. Illi l-konvenuta waqfet thallas id-dovuti rati mensili meta kien ghad baqa' bilanc ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00). Illi l-konvenuta giet mitluba thallas il-bilanc dovut minnha, dan anki permezz ta' ittra ufficjali mibghuta lilha fil- ta' Gunju, 2001. Illi l-konvenuta baqghet ma wettqitx l-obbligi taghha favur l-attur.
Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta dehret fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2001, u ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta

skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR